

*'Ara, ix-xebba tnissel u jkollha iben, u jsemmuh Għimmanu-El, li bi lsienna jfisser 'Alla magħna.'*

Mattew 1, 23



*L-anġlu qalilhom: "Illum, fil-belt ta' David, twildilkom Salvatur, li hu l-Messija, il-Mulej."*

Luqa 2, 11



*Alla hekk ħabb lid-dinja li ta lil Ibnu l-waħdieni, biex kull min jemmen fih ma jintilifx, iżda jkollu l-ħajja ta' dejjem.*

Ġwanni 3, 16

*Ġesù qabad ikellimhom u jgħidilhom: "Jiena d-dawl tad-dinja. Min jiġi warajja ma jimxix fid-dlam, iżda jkollu d-dawl tal-ħajja."*

Ġwanni 8, 12



*Ġesù qal: "Jien hu l-qawmien u l-ħajja. Kull min jemmen fija, ukoll jekk imut, jgħix; u kull min jgħix u jemmen fija, dan ma jmut qatt.*

Ġwanni 11, 25



*"Imxu fl-imħabba, bħalma Kristu wkoll ħabb lilna."*

Efesin 5, 2





*Alla wriena l-imħabba tiegħu meta Kristu miet għalina, aħna li konna għadna midinbin.*

Rumani 5, 8



*"Il-Mulej hu r-ragħaj tiegħi, xejn ma jonqosni."*

Salm 23, 1